Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,189, 6 ta' Frar, 2024

Taqsima B

A.L. 26 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Science in Work and Organisational Behaviour – M.Sc. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b) (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master of Science in Work and Organisational Behaviour – M.Sc. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Work and Organisational Behaviour – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Work and Organisational Behaviour – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021.

Verżjoni Elettronika

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Oqsma ta' Speċjalizzazzjoni

3. Suġġett għad-disponibiltà tar-riżorsi, il-Kors ikun offrut fi kwalunkwe qasam ta' speċjalizzazzjoni li fih iċ-Ċentru jista' joffri gwida u superviżjoni ta' espert. L-oqsma ta' speċjalizzazzjoni għandhom ikunu approvati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) f'qasam relatat mal-Istudji tax-Xogħol jew fi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor meqjus rilevanti mill-Bord.

(2) L-applikanti li l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom inkiseb aktar minn għaxar snin qabel l-applikazzjoni tagħhom għall-Kors jistgħu jidħlu wkoll, diment li huma jipprovdu provi suffiċjenti dwar il-kompetenza tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju part-time.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju jinkludi taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 80 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima-studju tad-dissertazzjoni u għaxar kretti ECTS huma assenjati għat-taqsimiet-studju mgħallma.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 30,000 – 35,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

Verżjoni Elettronika

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta ta' riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur prinċipali u, jekk meħtieġ, kosuperviżur li għandhom jipprovdu gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu tal-istudju.

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jżommu kuntatt mas-superviżuri tagħhom għall-anqas darba fix-xahar u, barra minn hekk, kemm-il darba s-superviżuri jidhrilhom li hu meħtieġ.

(2) Fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji, permezz tas-superviżur prinċipali tagħhom, għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(3) Il-Bord tal-Istudji għandu kull tant żmien jinforma lill-Bord, bil-miktub, dwar il-progress inġenerali ta' kull student. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur prinċipali jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, diment li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju kif imsemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

10. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.